MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2003

Numru 1240/1994/1

**John Cuschieri fil-kwalita` tieghu ta' Direttur ghan-nom u in rappresentanza ta' "Vincent Cuschieri Limited"**

**vs**

**Anthony sive Tony Coleiro u Carmelo sive Charles Camenzuli**

**Numru**
**Cit. Nru. 1240/94 JSP**

**Il-Qorti:**

Dan hu appell minn sentenza moghtija fl-1 ta' Ottubru, 1996 mill-Prim Awla tal-Qorti Civili li permezz taghha dik il-Qorti kienet laqghet it-talba attrici kif dedotta, bl-spejjez kontra l-konvenuti u bl-imghax kif mitlub mill-attur nomine. Permezz tac-citazzjoni l-attur nomine kien ippremetta li s-socjeta` attrici kienet bieghet u kkonsenjat lill-konvenuti merci u li l-istess konvenuti fadlilhom ihallsu lill-attur nomine s-somma ta' hamest elef erba' mija u hamsa w ghoxrin lira u hdax-il centezmu (Lm5425.11,0), kif spjegat fil-prospett anness ma' l-istess citazzjoni; ippremetta wkoll li dana l-ammont intalab anke permezz ta' ittra ufficjali, izda l-konvenuti baqghu inadempjenti; premess dan l-attur nomine talab li l-ewwel Qorti tikkundanna lill-konvenuti jhallasu lill-attur nomine is-somma ta' hamest elef erba' mija u hamsa w ghoxrin lira u hdax-il centezmu minnhom dovuta lill-attur nomine ghall-merci lilhom mibjugha u kkonsenjati, bl-ispejjez (komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-8 ta' Ottubru, 1993) u bl-imghaxijiet kummercjali mid-data ta' l-istess ittra ufficjali kontra l-konvenuti ingunti ghas-subizzjoni.

Ghalkemm iz-zewg konvenuti pprezentaw noti ta' eccezzjonijiet separati, l-eccezzjoni taghhom hija, tista' tghid, identika: huma jikkontendu li kellhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju jew li altrimenti t-talbiet attrici kellhom jigu michuda peress li huma fil-kwalita` taghhom personali ma ghamlu ebda ordnijiet mas-socjeta` attrici, izda l-ordnijiet saru min u a nom tas-socjeta` Colcam International Marketing Associates Ltd., u li allura kienet din il-kumpanija, u mhux huma personalment, li kellha tigi mitluba thallas.

L-ewwel Qorti, bis-sentenza taghha tal-1 ta' Ottubru, 1996 irrespingiet din l-eccezzjoni moghtija kemm minn Coleiro kif ukoll minn Camenzuli, u laqghet it-talba attrici kif inghad, u dan wara li kkunsidrat is-segwenti:

"B'din il-kawza s-socjeta` attrici qed tagixxi ghall-kundanna tal-konvenuti <u>personalment</u> ghall-hlas ta' bilanc ta' somma akbar prezz ta' merkanzija minnha mibjugha u

konsenjata skond kif jirrizulta minn prospett esibit. Dan il-prospett juri li l-konsenja tal-merkanzija saret lil u fil-Medina Hotel, Rabat. Dwar dan ma hemm l-ebda kontestazzjoni kif ma hemm l-ebda kontestazzjoni dwar in-numru ta’ konsenji, l-ammont dovut ghalihom u l-bilanc li s-socjeta` attrici qed tirreklama. Iz-zewg konvenuti pero` qed jeccepixxu illi huma personalment ma humiex responsabbli ghall-pagament ta' dan il-bilanc minnhom reklamat. Jikkontendu li n-negozju mas-socjeta` attrici sar mis-socjeta` Colcam International Marketing Associates Limited. Il-Qorti trid qabel xejn taghmel allura apprezzament korrett tal-provi migbura biex tistabbilixxi min kienu l-partijiet fin-negozju.

Tikkonsidra illi s-socjeta` attrici jehtiegilha fl-ewwel lok taghmel prova ma’ min sar in-negozju. Jirrizulta sodisfacentement illi l-ftehim li l-Medina Hotel tibda taghmel ordnijiet minn ghand is-socjeta` attrici ghall-htigijiet taghha ta’ l-ikel sar bejn il-konvenut Tony Coleiro u r-rapprezentant ta’ l-istess socjeta` attrici. Sar ftehim li l-Medina Hotel tinghata kreditu ghall-pagament u gie redatt id-dokument ossia formola mimlija li bih inghatat din il-facilita` ghall-hlas liema dokument igib id-data tal-5 ta’ Gunju 1992. Dokument li l-konvenut Coleiro jaccetta li kitbu hu stess “*di proprio pugno*”. Il-kreditur Coleiro b’dak id-dokument allura jiddikjara ruhu personalment bhala “*Customer*” tas-socjeta` attrici. Importanti illi hu ghamel hekk avolja fil-formola hemm indikat li wiehed seta’ jnizzel bhala klijent anke socjeta` - “*Company/Customer name*”. Indika wkoll bhala indirizz tal-klijent lill-Medina Hotel. Ma indikax ir-‘*registered address*’ tas-socjeta` Colcam li jirrizulta li kien allura f’H’Attard u mhux ir-Rabat. Fl-ispazju “*Name of Directors*”, il-konvenut Coleiro indika ismu w isem il-konvenut l-iehor Camenzuli. Jaghti imbaghad it-telephone tal-lukanda u bhala persuna li maghha s-socjeta` attrici kellha tikkomunika personalment f’kaz ta’ diffikulta`, il-konvenut Coleiro ta’ l-isem “John Fenech Accountant”. Imkien f’dan id-dokument ma hemm l-icken riferenza jew indikazzjoni li l-klijent tas-socjeta` attrici li kien ser jordna l-merkanzija minn ghandha u li kienet ser tinghata l-facilita` ta’ dilazzjoni ghall-pagament kienet xi socjeta`. Kollox hemm juri illi n-negozju kien qed

isir ma' Tony Coleiro personalment u li dan Coleiro indika illi mieghu fin-negozju kien hemm ukoll involut il-konvenut l-iehor Charles Camenzuli.

Is-socjeta` attrici kienet taf lill-konvenut Coleiro qabel dan iz-zmien ghax dan kien jopera lukandi ohra li kienu jaghmlu wkoll ordnijiet ta' merkanzija minn ghandha. Issostni pero` illi hi qatt ma nnegozjat mas-socjeta` Colcam u li din il-pretensjoni tal-konvenuti illi huma ma kienux responsabbli personalment ghall-pagament imma li dan kellu jsir mis-socjeta` minnhom rapprezentata tqanqlet biss f'din il-kawza. Il-konsenja tal-merkanzija kienet issir fil-Medina Hotel, kienu jiffirmaw ghaliha diversi persuni, bhal Manager jew nies fil-kcina w il-kontijiet kienu dejjem johorgu fuq isem il-lukanda.

Is-socjeta` attrici allura ppruvat sodisfacentement illi sa fejn kien jikkoncerna lilha n-negozju kien sar mal-konvenuti personalment u li ma kenitx u ma setghetx tkun a konoxxenza tal-fatt li l-lukanda kienet qed tigi operata minn socjeta`. Socjeta` li giet iffurmata appozitament biex topera dik il-lukanda partikolari u li l-azzjonisti w id-diretturi taghha kienu biss il-konvenuti. Dawn fatti importanti in kwantu huma rilevanti ghall-fatt jekk setghax jew le l-attur nomine jkun a konoxxenza tac-cirkostanza illi seta' kien qed jinnegozja ma' socjeta` u mhux mal-konvenuti personalment.

F'dan il-kontest ix-xhieda tal-konvenut Coleiro tikkonforta t-tezi tas-socjeta` attrici illi hija la kienet taf u lanqas giet informata bl-ezistenza tas-socjeta` Colcam. Hu jixhed:-

"*Jiena w il-konvenut l-iehor Camenzuli konnha noperaw il-Medina Hotel. Konnha niggestuha f'isem il-Colcam International Marketing Associated Ltd*."

– o m i s s i s –

"*Qed nigi mistoqsi jekk lil Sciortino* (ir-rapprezentant tas-socjeta` attrici li maghha innegozja l-konvenut Coleiro u li lilu mela l-formola ta' ftehim ghall-kreditu ghall-pagament) *kontx ghidtlu li mieghi kien hemm xi haddiehor imdahhal*

*fin-negozju u jiena nghid li ma niftakarx x'ghidt dak in-nhar. Mhux eskluz li jiena kont semmejtlu din il-persuna.* (Ma hemmx dubbju li dan kien ghamlu tant li kien hu stess li kiteb isem il-konvenut l-iehor fil-formola). *Ma niftakarx jekk lil Sciortino semmejtlux li din is-socjeta` kienet tmexxi l-lukanda."*

Wara li sostna illi ma kienx kompitu tieghu li jara "haddiehor x'kien jahseb ma' min kien qieghed jinnegozja", jixhed "*Jien qatt ma avzajt lid-ditta attrici li huma kienu qed jinnegozjaw mad-ditta Colcam*." Il-konvenut ma gharafx jaghti spjegazzjoni ghaliex fid-dokument li mela hu stess ma kienx indika l-isem tal-kumpanija.

Il-Qorti tikkonsidra li kien jispetta lill-konvenuti li jidentifikaw ruhhom bhala diretturi tas-socjeta` li huma kienu allura jirrapprezentaw. In materja ta' kuntratti l-prezunzjoni ghandha tkun li wiehed ikun qieghed jinnegozja u jiftiehem mal-kontradittur tieghu personalment u dana sakemm jigi pruvat il-kontra. Din il-prova kienet tispetta lill-konvenuti u mix-xhieda tal-konvenut Coleiro nnifsu li kien inkarigat mill-konvenut l-iehor Camenzuli biex imexxi l-lukanda u jikkonkludi l-kuntratti ta' xiri jirrizulta proprju l-oppost. Il-konvenut Coleiro la nforma lis-socjeta` attrici li kien qed jinnegozja f'isem il-kumpannija, la hass il-htiega li hekk jaghmel u ghall-kuntrarju b'mod stramb isostni li fil-fehma tieghu kien jispetta lill-attur nomine li jindaga u jistabilixxi jekk il-konvenuti kienux jew le qed jagixxu f'isimhom proprju jew f'isem haddiehor. Dana anke meta l-istess konvenuti ddikjaraw li kienu qed jinnegozjaw u jagixxu f'isimhom personalment kif iddikjara l-konvenut Coleiro fil-formula minnu mimlija.

Il-Qorti ma tistax ma ssibx li fic-cirkostanzi partikolari ta' dan in-negozju, il-konvenuti huma responsabbli personalment ghall-pagament tal-bilanc dovut u dana stante li si tratta ta' operazzjoni kummercjali solidalment bejniethom. Jibqghu salvi w impregudikati d-drittijiet ta' azzjoni li jistghu jispettaw lill-konvenuti rigward tar-relazzjonijiet interni bejniethom."

Permezz ta’ zewg rikorsi separati, il-konvenuti appellaw minn din is-sentenza. L-appellant Coleiro jilmenta, bazikament, li l-ewwel Qorti ma apprezzatx sew is-sinjifikat u l-portata tad-dokument JC ezebit a fol. 22 tal-atti (dak id-dokument li fis-sentenza appellata hu indikat bhala li jgib id-data tal-5 ta’ Gunju, 1992), f’liema dokument l-isem tieghu u ta’ Camenzuli huwa mnizzel f’dik il-parti fejn hemm miktub “Name of Directors”. Skond dana l-appellant, a bazi ta’ dan id-dokument, l-attur nomine *“ma setax ma kellux konoxxenza piena tal-fatt li l-lukanda kienet qed tigi gestita minn Socjeta`, u li giet appozitament ifformata biex topera din il-lukanda”*. Ghalkemm l-appellant Coleiro jammetti li huwa ma indikax l-isem tas-socjeta` fuq dan id-dokument, ikompli jghid *“izda dan m’ghandux remotament ifisser illi l-pretendent tad-dritt u cioe` l-attur nomine ma kienx jaf illi galadarba l-esponenti u l-konvenut l-iehor ikkwalifikaw lilhom infushom bhala ‘diretturi’ dawn ma setghux hlief li kienu qed jagixxu ghan-nom ta’ Socjeta`”*. U dan apparti li l-hlasijiet dejjem saru mis-socjeta` u mhux minnu jew mill-konvenut l-iehor personalment.

L-aggravju tal-konvenut Camenzuli huwa prattikament identiku ghal dak ta’ l-appellant Coleiro fejn si tratta ta’ l-interpretazzjoni li ghandha tinghata lid-dokument JC; dan l-appellant, pero`, izid hekk: *“Jirrizulta mill-provi li l-esponenti qatt ma kellu x’jaqsam xejn man-negozju in kwistjoni billi l-funzjoni tieghu bhala konsocjat fil-gestjoni tal-lukanda kienu doveri ohrajn. Jirrizulta mix-xhieda illi l-esponenti qatt ma kkontratta mas-socjeta` attrici u kien biss il-konvenut Anthony Coleiro li kien involut fin-negozju mas-socjeta` attrici”*. Camenzuli, ghalhekk, jikkontendi li se mai kellu jinstab responsabbli personalment Coleiro – li kkuntratta mal-kumpanija attrici – izda mhux huwa.

Is-socjeta` appellata, tramite l-attur nomine, wiegbet in effetti li d-dokument JC kien car fil-portata tieghu: *“Minnu,”* tghid is-socjeta` appellata, *“jidher car li l-ftehim ghall-ghoti ta’ kreditu ghall-pagament lil Medina Hotel sar fil-5 ta' Gunju 1992 bejn Tony Coleiro personalment bhala*

*customer tas-socjeta` appellata u l-istess socjeta` appellata. Dan id-dokument l-istess appellant (Coleiro) jaccetta li kitbu huwa stess. Ghalkemm il-formula Dok. JC tipprovdi spazju fejn wiehed jista` jindika l-isem ta' kumpanija, l-istess appellant (Coleiro) wara li nizzel ismu u kunjomu indika bhala indirizz lil Medina Hotel. Hu la indika isem ta' xi kumpanija u lanqas ir-registered address tas-socjeta` li qed jippretendi li semmai ghandha tkun id-debitrici billi r-registered address tal-Kumpanija huwa H'Attard u mhux dak tar-Rabat. In oltre fl-istess dokument fejn hemm spazju provdut ghan-name of directors l-appellant nizzel ismu u dak tal-konvenut l-iehor Charles Camenzuli. L-appellant b'ebda mod ma indika l-isem ta' xi socjeta` anzi indika ismu personali u li mieghu fin-negozju kien hemm l-konvenut l-iehor Camenzuli. B'ebda mod l-appellant nomine ma seta jkun jaf li hu kien qed jinnegozja ma' xi haddiehor."* Skond is-socjeta` appellata il-fatt li hargu xi cekkijiet mis-socjeta` Colcam ma tinbidilx ir-relazzjoni guridika bejn l-appellat nomine minn banda l-wahda u l-appellanti Coleri u Camenzuli mill-banda l-ohra. Kwantu ghall-pretensjoni (sussidjarja) tal-appellant Camenzuli li se mai huwa Coleiro biss li ghandu jkun ritenut responsabbli ghall-hlas, is-socjeta` appellata twiegeb hekk: *"Illi fl-ahhar paragrafu ta' l-appell tieghu l-appellant Carmelo sive Charles Camenzuli jaghmel tentattiv biex jipprova jizvinkola ruhu mill-kwistjoni billi jghid li qatt ma kellu x'jaqsam xejn man-negozju in kwistjoni, u jghid li* "il-funzjoni tieghu bhala konsocjat fil-gestjoni tan-negozju [<u>recte</u>: tal-lukanda] kienu doveri ohrajn". *Fix-xhieda tieghu izda jghid li jaf li V. Cuschieri Limited, cioe` l-appellat nomine, kien wiehed mis-suppliers taghhom – izda imkien ma jsemmi li b'xi mod l-istess appellat nomine gie infurmat minnu bl-isem tal-kumpanija Kolkam* [<u>recte</u>: *Colcam*]. *Huma kellhom obbligu li ma min jikkuntrattaw jidentifikaw ruhhom sewwa."*

Din il-Qorti rriproduciet estensivament mis-sentenza appellata ghax, frankament, ma ssib xejn x'ticcensura fiha. Kollox f'dan il-kaz kien jiddependi fuq l-interpretazzjoni korretta u gusta li wiehed ghandu jaghti lid-dokument JC a fol. 22 tal-atti, kif ukoll fuq il-konsiderazzjoni ta' min kien, fir-realta`, qed jircevi l-merci

li ssupliet il-kumpanija attrici. F'dan id-dokument, redatt mill-appellant Coleiro, huwa ta, bhala isem il-"customer", ismu – Tony Coleiro – u bhala indirizz "c/o Medina Hotel, Labour Avenue, Rabat 08" (u ghalhekk mhux l-indirizz tal-kumpanija Colcam). F'ebda hin ma indika bhala il-"customer" il-kumpanija Colcam, haga li seta' jaghmilha facilment proprju ghax id-dokument kellu fejn jitnizzel "COMPANY / CUSTOMER NAME" u "COMPANY / CUSTOMER ADDRESS". Fl-istess dokument, taht "NAME OF DIRECTORS" huwa nizzel "Tony Coleiro, Charles Camenzuli". Fin-nuqqas ta' isem ta' kumpanija, dawn iz-zewg ismijiet ma setghux hlief ifissru – ghal min jaqra d-dokument u ma jkunx jaf bl-ezistenza tal-kumpanija Colcam[1] – li il-"customer" kienu effettivament mhux wiehed, izda tnejn: min qieghed materjalment jaghmel l-ordni (Coleiro) u l-persuna l-ohra (Camenzuli). Kemm Coleiro kif ukoll Camenzuli fid-deposizzjonijiet taghhom (tat-28/10/94 u 2/6/95 rispettivament) ikkonfermaw li huma kienu flimkien jiggestixxu ossia joperaw il-Medina Hotel f'isem il-Colcam International Marketing Associates Ltd. Din il-kumpanija kienet timmaniggja biss din il-lukanda (ara d-deposizzjoni ta' Coleiro), u Coleiro u Camenzuli kienu iz-zewg diretturi u l-unici zewg azzjonisti tal-istess Colcam. Mill-provi jirrizulta li Coleiro kien inkarigat, fost affarijiet ohra, mill-*purchasing* ghall-lukanda, filwaqt li Camenzuli kien responsabbli mill-*evening management* taghha. Ghalhekk ma hemmx dubbju li l-merci li ssupliet il-kumpanija attrici ibbenefikaw minhha, ankorke` indirettament, iz-zewg appellanti, u bhala tali huma ghandhom jitqiesu bhala ko-debituri ghall-finijiet tal-obbligazzjoni kummercjali li l-appellat Coleiro dahal fiha (f'ismu u f'isem Camenzuli) mas-socjeta` attrici, u dan kif gustament irriteniet l-ewwel Qorti (Art. 115(1), Kap. 13). Frankament iz-zewg appelli, specjalment dak ta' Coleiro, jirrazentaw il-fieragh.

Ghall-motivi premessi, tichad kemm l-appell ta' Anthony sive Tony Coleiro kif ukoll l-appell ta' Carmelo sive

[1] Kemm l-appellat nomine, John Cuschieri, kif ukoll is-*salesman* tal-kumpanija attrici, Raymond Sciortino, fissru li huma ma kellhomx l-icken ideja li kien hemm xi kumpanija involuta fin-nofs ghal dak li jirrigwarda l-Medina Hotel, tant li l-*invoices* kienu jinhargu fuq isem "Medina Hotel".

Charles Camenzuli, u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez ta’ dana l-appell ghandhom jigu sopportati nofs kull wiehed miz-zewg appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------